MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 14/2001/2

**Bathroom Design Limited**

**v.**

**Enemalta Corporation u Water Services Corporation**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu s-socjetà rikorrenti, wara illi ippremettiet illi b'dikjarazzjoni (Dok 1) datata 15 ta' Dicembru, 2000 il-

Perit Michael Falzon ddikjara, ghan-nom ta’ l-Enemalta Corporation illi l-ammont ta’ Lm20,308.88 huwa dovut lilhom (*sic*) bhala arretrati in parti ta’ kontijiet in konnessjoni ma’ servizzi ta’ dawl elettriku provdut mill-Enemalta Corporation fi proprjetà ta’ Bathroom Design Limited go Naxxar Road, Lija bejn l-4 ta’ Novembru 1994 u s-26 ta’ Lulju 1999; illi kontestwalment mal-imsemmija dikjarazzjoni il-korporazzjonijiet intimati pprezentaw ittra ufficjali (Dok 2) kontra s-socjetà rikorrenti fejn talbu hlas minghandha ta’ l-ammont ta’ Lm20,308.88 u dan a bazi ta’ dak kontenut fl-istess dikjarazzjoni; din l-ittra ufficjali saret ghall-finijiet ta’ l-art. 2 tal-Kap 272 u ta’ l-art. 466 tal-Kap. 12; illi ghall-perjodu in kwistjoni - cioè bejn l-4 ta’ Novembru 1994 u s-26 ta’ Lulju 1999 - s-socjetà rikorrenti rceviet u hallset il-kontijiet kollha mibghuta lilha mill-korporazzjonijiet intimati ghall-konsum ta’ dawl u ilma; u mexxiet in-negozju taghha a bazi tal-fatt li dawk kienu l-kontijiet ghal dawl u ilma ghal dak il-perijodu; illi t-talba *de quo* hi rizultat ta’ zball da parti tal-korporazzjonijiet intimati fil-qari ta’ l-arloggi taghhom stess billi jidher li huma hallew barra wiehed min-numri rekordjati fuq l-arlogg tad-dawl; ir-rikorrenti ma hi bl-ebda mod responsabbli ghal dan l-izball u ma hemm ebda raguni guridika ghaliex ghandha tkun hija li thallas ghal zball ta’ l-entitajiet intimati; talbet lil dik il-Qorti sabiex tiddikjara illi l-allegati arretrati fl-ammont ta’ Lm20,308.88 mhumiex dovuti mis-socjetà rikorrenti u konsegwntement li t-talba ghall-hlas ta’ l-istess mill-korporazzjonijiet intimati ma tiswiex;

Rat ir-risposta a fol. 9 tal-process, prezumibilment ta’ l-intimata Enemalta Corporation, illi permezz taghha, wara illi gie sottomess:

Illi l-Korporazzjoni esponenti hija l-enti pubblika awtorizzata mill-istat sabiex tipprovdi s-sistema ta’ provvista ta’ l-elettriku, kemm ghall-konsum domestiku kif ukoll ghall-uzu kummercjali; illi l-fond mertu tal-proceduri odjerni, cioè l-istabbiliment Bathroom Design, huwa wiehed kummercjali, u ilu nstallat bil-provista ta’ l-elettriku u jircievi kontijiet ghall-uzu ta’ fond kummercjali ghal bosta snin; illi fil-perjodu bejn Dicembru 1994 u Lulju 1999, il-qari tal-*meter* ta’ l-elettriku kien qed jittiehed b’mod erroneju, fis-sens li kienet qed tithalla barra l-ahhar cifra

ta’ l-arlogg tad-dawl ma’ kull qari; illi dan il-fatt wassal biex il-kontijiet li kienu qed jinhargu ghal dan il-perjodu kienu bil-wisq aktar baxxi mill-ammonti propjament dovuti, u l-istess kontijiet kienu ukoll differenti minn dawk li kienu jinhargu qabel il-perjodu in kwistjoni; illi ghalhekk il-korporazzjoni esponenti qeghdha ssofri pregudizzju fis-sens li hi pprovdiet is-servizz ta’ l-elettriku fil-fond in kwistjoni, izda ma thallsitx ta’ dan is-servizz ghar-ragunijiet premessi; illi r-rizultat ta’ dan kollu huwa li s-socjetà rikorrenti hadet vantagg minn din is-sitwazzjoni billi effettivament hadet servizz minghand enti pubblika minghajr ma hallset l-ammont verament dovut; illi l-qari tal-*meter* in kwistjoni llum u l-kont mahrug relattiv ma’ dan il-qari huwa korrett u dovut, u s-socjetà rikorrenti ma ghandha l-ebda bazi sabiex issostni li dak m’ghandux jithallas, stante li l-qari huwa wiehed ta’ konsum effettiv fil-fond in kwistjoni, liema konsum gawdiet minnu s-socjetà rikorrenti; intalab illi jigu michuda t-talbiet tas-socjetà rikorrenti maghmula fir-rikors odjern, bl-ispejjz kontra s-socjetà rikorrenti;

Rar ir-risposta tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma illi permezz taghha issottomettiet:
Illi d-dikjarazzjoni maghmula mill-Perit Michael Falzon fil-15 ta’ Dicembru, 2000, saret ghan-nom ta’ Enemalta, u mhux ghan-nom tal-Korporazzjoni esponenti, u ghalhekk l-istess Korporazzjoni esponenti m’ ghandhiex *locus standi* f’dawn il-proceduri u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra s-socjetà rikorrenti; illi, sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-Enemalta huwa dovut lilha mis-socjetà rikorrenti, u f’dan ir-rigward il-Korporazzjoni esponenti taghmel riferenza ghar-risposta prezentata mill-Enemalta fl-atti ta’ dan ir-rikors u tadottaha *in toto*; illi, ghalhekk it-talbiet tas-socjetà rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjetà rikorrenti;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Jannar, 2003 illi permezz taghha l-Qorti cahdet it-talba tas-socjetà rikorrenti u ordnat illi l-

ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet, u dana wara illi ikkunsidrat hekk:
“Illi mill-provi mismugha u li s-sustanza taghhom giet riprodotti [*recte*: riprodotta] f’dina s-sentenza l-Qorti tasal ghall konkluzjoni li l-ammont mitlub mill-intimati huwa dovut.

“L-intimati qed jammettu li kien sar zball minn naha taghhom fis-sens li kienu qed jaqraw il-*meter* hazin, u li damu ma ndunaw minn 1995 san 2000. Minhabba f’hekk huma lesti li jaccettaw li jithallsu bil-mod u mhux f’daqqa biex ir-rikorrenti jkunu jistghu jiehdu l-mizuri necessarji. L-intimat izda qed isostni li l-konsum sar u r-rikorrenti ibbenefikaw mis-servizz li nghatalhom mill-intimati. Altrimenti r-rikorrenti jigu li qed jistaghnew *cum alterius detrimento*.

“F’dan il-kaz jirrizulta li fil-fatt ir-rikorrenti hadu s-servizz minghand l-intimati u ma kienitx kwistjoni li nqara l-*meter* hazin u r-rikorrent[i] gew iccargjati ta’ konsum li ma sarx.

“Fil-1994 ir-rikorrenti kienu ghamlu xi alterazzjonijiet fil-post taghhom u ziedu l-*load* (*three-phase*) fis-*showroom* u ghalhekk ma jistghux jippretendu li b’zieda fil-*load* il-kontijiet jigu orhos minn kemm kienu jigu qabel, jew li l-konsum fix-*showroom* ikun anqas mill-konsum fil *warehouses* taghhom, kif qed isostnu l-intimati. Il-Qorti ma tantx tista’ tara kif ir-rikorrenti jistghu jghidu li l-konsum kien qed jigi registrat tajjeb meta kien hemm *load* qawwija li ma kintix qed tigi ccargjata.

“Ir-rikorrenti qed jargumentaw li l-intimati ma ndunawx bl-izball minn 1995 sat 2000 u fl-istess waqt jippretendu li *layman* ghandu jinduna (ara fol 49). Izda f’dan il-kaz ir-rikorrenti ghandhom biss il-kont taghhom x’jivverifikaw mentri l-intimati ghandhom eluf. Il-Qorti m’hix b’hekk tipprova tiggustifika l-agir ta’ [l-]intimati, imma qed tghid biss li l-paragun li sar mir-rikorrenti ma jghoddx.

“Ghalhekk l-ammont mitlub mill-intimati huwa dovut, izda l-hlas ghandu jkun fuq tul ta’ zmien kif gie digà accettat mill-intimati.”

Rat ir-rikors ta’ appell tas-socjetà attrici illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talbet illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Qorti fl-ewwel istanza fid-29 ta’ Jannar, 2003, u dan billi tilqa’ t-talba fir-rikors promotur tas-socjetà appellanti u tichad l-eccezzjonijiet tal-korporazzjonijiet appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom;

Rat ir-risposta ta’ l-appell u l-appell incidentali ta’ l-intimata Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma illi permezz taghhom, ghar-ragunijiet hemm esposti talbet hekk:
“… li l-appell imressaq mis-socjetà Bathroom Design Limited jigu michud, u fil-waqt li tinterponi umli appell incidentali minn dik il-parti fuq riferita tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta’ Jannar, 2003, fil-kawza fl-ismijiet premessi, titlob li l-imsemmija sentenza tigi riformata billi jigi dikjarat illi l-korporazzjoni esponenti m’ghandhiex tbati spejjez u li tali spejjez ghandhom jigu supportati unikament mis-socjetà attrici [*sic*], u fil-bqija tigi konfermata”;

Rat ir-risposta ta’ l-intimata Enemalta Corporation illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi:
“… dina l-Onorabbli Qorti tichad ir-rikors tas-socjetà appellanti u tikkonferma s-sentenza appellatta kif moghtija mill-Ewwel Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà rikorrenti appellanti”;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tas-socjetà rikorrenti appellanti kontra s-sentenza appellata, fi kliem ir-rikors ta’ appell, huwa s-segwenti:
“Is-socjetà appellanti ssostni, a bazi tal-principji legali applikabbli kif elucidati fis-sentenza ta’ l-onor Prim Awla tal-Qorti Civili … fl-ismijiet *Carmelo Ciangura v George*

*Borg noe*, li hi m'ghandhiex tbati ta' l-izball li ghamlet, *ex admissis*, il-Korporazzjoni Enemalta, billi hi rregolat in-negozju taghha in *bona fides*, fuq il-premessa li l-kontijiet ta' l-Enemalta kienu korretti u dawk biss kienu dovuti";

Ikkunsidrat:

Illi dak illi s-socjetà appellanti qed issostni permezz ta' l-aggravju taghha hawn fuq riportat kienet digà sostnietu quddiem l-ewwel Qorti meta, waqt illi kienu qed isiru sottomissjonijiet orali mid-difensur ta' l-istess socjetà wara illi kien inghalaq l-istadju tal-gbir tal-provi, fost affarijiet ohra, intqal hekk (fol. 56):
"Kif inhu ammess fir-risposta tal-korporazzjoni intimata [il-Korporazzjoni Enemalta] r-raguni ghall-qari li qed ighidu li kien nieqes huwa zball tal-korporazzjoni ntimata. Huma jghidu u xehdu f'dan is-sens illi kienu qed jaqraw il-*meter* hazin. M'hemm l-ebda implikazzjoni mkien li kien hemm xi kontribut minn naha tal-klijenti tieghi ghall-izball tal-korporazzjoni Enemalta. Huma jghidu b'mod car u inkipiku [*sic*] li l-izball kien taghhom u taghhom biss. Issa qed jippretendu li l-klijent tieghi ihallas ta' l-izball taghhom. F'dan ir-rigward jiena nixtieq <u>naghmel referenza fejn il-fatti kienu mhux identici imma simili hafna, [gha]s-sentenza … *Carmelo Ciangura vs George Borg bhala chairman ghas-servizzi ta' l-ilma* … deciza … fis-27 ta' Novembru 1998</u>" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Minn dak illi jirrizulta mis-sottomissjonijiet orali tad-difensur tal-Korporazzjoni Enemalta intimata in risposta ghall-imsemmija sottomissjonijiet tas-socjetà rikorrenti jidher illi l-Korporazzjoni Enemalta taqbel mal-principji enuncjati fl-imsemmija sentenza *Ciangura vs. Borg noe*. Però, din il-korporazzjoni issottomettiet illi fil-kaz odjern l-ammont in kwistjoni huwa dovut ghaliex, kuntrarjament ghal dak illi irrizulta fil-kaz *Ciangura vs Borg noe*., is-socjetà rikorrenti mhix *in bona fide*;

F'din l-ahhar imsemmija sentenza jinghad hekk:
"Huwa minnu li hemm xi tghid ghall-argument li jekk l-attur ha benficcju mill-konsum ma hux xieraq li ghal dan il-beneficcju ma jhallasx, ghax inkella jkun qieghed

jistaghna *cum alterius detrimenti*. Min-naha l-ohra, hemm ukoll hafna xi tghid ghall-argument li jekk l-attur, *in bona fide*, irregola n-negozju tieghu fuq il-premessa li l-konsum kien tassew dak li kien qed jidher ghal hafna snin, ma ghandux issa, f'daqqa wahda … ikun imgieghel ihallas somma pjuttost konsiderevoli li, minhabba zball tal-konvenuti stess, ma setax jahseb ghaliha waqt li kien ghadu jmexxi n-negozju. …

"Naturalment, dan kollu jghodd biss jekk l-attur kien *in bona fide*, ghax jekk kien jaf, jew kien imissu jkun jaf - per ezempju ghax jara li l-kontijiet kienu zghar wisq ghall-konsum li kien jahli - li qed isir xi zball u approfitta ruhu minnu, ma jistax ighid li kien l-izball tal-konvenuti li wasslu f'din is-sitwazzjoni" (sottolinear ta' dina l-Qorti";

Dan premess, dina l-Qorti ma tistax tifhem kif fl-ewwel istanza l-kawza giet deciza minghajr ebda accenn ghall-principji enuncjati fis-sentenza *Ciangura vs Borg noe*.;

Ikkunsidrat:

Illi huwa tajjeb illi jinghad, f'dan l-istadju, illi minn dak illi jinghad fil-paragrafi enumerati minn tmienja (8) sa erbatax (14) tar-risposta ta' l-appell tal-Korporazzjoni Enemalta intimata, jirrizulta illi din il-korporazzjoni ghadha qed tinsisti illi l-principji enuncjati fis-sentenza *Ciangura vs. Borg noe*. ma humiex applikabbli ghall-kaz odjern u illi, konsegwentement, it-talba tas-socjetà rikorrenti avanzata bir-rikors promotur ghandha tigi michuda, ghar-raguni biss illi s-socjetà appellanti ma kienetx *in bona fide*. Sabiex issostni dan din il-korporazzjoni ghamlet is-segwenti zewg sottomissjonijiet:

(i) Fi kliem ir-risposta ta' appell (fol. 88):

"Illi l-esponenti jirrileva li s-socjetà appellanti tiggestixxi diversi stabbilimenti, fosthom ix-*showroom* in kwistjoni kif ukoll mahzen kummercjali, u l-provvista ta' l-elettriku ghax-*showroom* kien inbidel u zdied fl-1994 meta fil-fatt sar *uprating* [*sic*] ta' l-istabbiliment kollu. Mill-provi jirrizulta li l-kontijiet il-godda ta' l-istess *showroom* kienu qed ikunu ferm irhas minn dawk tal-mahzen, u dan baqa' jsir konsistentement ghal tul ta' zmien.

"Illi ghalhekk l-esponenti jissottometti bir-rispett li d-direttur tas-socjetà appellanti seta hadem il-kalkoli tieghu a bazi tal-fond l-iehor appartenenti lill-istess socjetà ghax tkun anomalija li kieku *warehouse* kellu jkollu konsum oghla ta' dawl minn dak ta' *showroom* …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

(ii) Ukoll fi kliem ir-risposta ta' appell:
"Illi … d-direttur tas-socjetà appellanti seta' wkoll jasal ghall-konkluzjoni li l-kontijiet li kienu qed jinhargu kienu zbaljati stante li ma setghux ikunu dawk li kienu jircievu qabel meta huma tant ziedu l-konsum tad-dawl li fl-1994 hassew il-htiega li jibdlu l-meter halli tkun tista' tizdied il-*load* …; minkejja hekk ghall-kuntrarju ta' dak li qed issostni s-socjetà appellanti, fir-rikors ta' appell taghha, il-kontijiet ma gholewx …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Illi, fil-fehma ta' dina l-Qorti, is-sottomissjoni (i) ma timmeritax konsiderazzjoni ghaliex, minn dak illi jirrizulta mill-atti processwali, ma jistax isir paragun bejn il-kobor tal-fond in kwistjoni u tal-mahzen imsemmi, bejn l-attrezzaturi illi jikkonsmaw l-elettriku fiz-zewg stabbilimenti u bejn l-uzu illi jsir mill-istess stabbilimenti;

Kwantu ghas-sottomissjoni (ii), minn dak illi jirrizulta mill-atti processwali dina l-Qorti ma tistax taghmel paragun bejn il-kontijiet ta' qabel ma nbidel il-*meter* u l-kontijiet ta' wara b'tali mod illi tasal ghal konkluzjoni ferma jekk il-kontijiet gholewx jew le b'mod generali u uniformi wara l-bdil tal-*meter*. Dan qed jinghad minhabba l-avariji illi hemm kemm fil-kontijiet illi jipprecedu l-bdil tal-*meter* u kemm f'dawk illi inhargu wara dan il-bdil qabel ma gie individwalizzat l-izball fil-qari tal-*meter* illi ipprecipita dawn il-proceduri. Infatti, mid-dokumenti a fol. 24 u 25 jirrizulta illi hemm tlett (3) kontijiet dwar konsum ta' elettriku qabel il-bdil tal-*meter*. Il-qari relativ sar fit-13 ta' Novembru, 1993, fis-26 ta' Marzu, 1994 u fit-18 ta' Lulju, 1994 u l-ammonti huma Lm57.32,9, Lm11.20,8 u Lm197.06,2 rispettivament. Mill-istess dokumenti jirrizulta illi hemm diversi kontijiet dwar konsum ta' elettriku minn meta inbidel il-*meter* sakemm gie skopert l-izball fil-qari, bl-

ammonti jvarjaw bejn dak l-aktar baxx ta’ Lm6.58 u dak l-aktar gholi ta’ Lm290.16. F’dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad illi jinsab sufficjentement u ragjonevolment pruvat illi s-socjetà appellanti ma kienitx *in bona fide* ghaliex imissha indunat illi l-qari tal-*meter* ta’ l-elettriku kien qed isir hazin;

Illi, ghalhekk, fil-fehma ta’ dina l-Qorti, fl-istat attwali tal-provi, hemm lok ghall-akkoljiment ta’ l-aggravju tas-socjetà appellanti u ghall-konsegwenzjali akkoljiment ta’ l-appell tas-socjetà rikorrenti - billi tigi revokata s-sentenza appellata - u tat-talba avanzata permezz tar-rikors promotur ta’ l-istess socjetà;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta’ l-intimata Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma, avanzat permezz ta’ l-appell incidentali taghha, fi kliem l-istess appell incidentali, huwa (fol. 84-5):
“Illi, galadarba t-talba tas-socjetà appellanti giet michuda mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, il-korporazzjoni esponenti ssostni li hi m’ghandhiex tbati spejjez, iktar u iktar meta wiehed iqis illi l-istess esponenti qatt ma kellha ghalfejn tiddahhal f’din il-kawza”;

Illi, la darba, kif già inghad, is-sentenza appellata sejra tigi revokata u t-talba tas-socjetà rikorrenti sejra tigi akkolta, dan l-aggravju, kwantu bazat fuq ic-cahda tat-talba tas-socjetà rikorrenti, ma jistax jintlaqa’;

Illi l-istess aggravju, kwantu bazat fuq is-sottomissjoni illi l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma ma kellhiex ghalfejn tiddahhal fil-kawza, ftit illi xejn jimmerita konsiderazzjoni. Jinghad biss illi dina l-Qorti ma tistax tifhem kif din il-korporazzjoni qed tippretendi illi ma kellhiex tigi citata in kawza meta l-atti gudizzjarji illi ipprecipitaw l-istess kawza, jigifieri d-dikjarazzjoni guramentata u l-ittra ufficjali illi kopji taghhom huma esebiti rispettivament a fol. 3 u 4 tal-process, saru mill-Perit Michael Falzon, fost affarijiet ohra fil-veste tieghu “bhala *Chairman* tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma”;

Ikkunsidrat:

Kwantu ghal min ghandu jhallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, ghal dak illi jirrigwarda kemm l-ewwel istanza u kemm l-appell interpost mis-socjetà rikorrenti, hija l-fehma ta' dina l-Qorti illi, konsidrat illi t-talba tas-socjetà rikorrenti sejra tintlaqa', l-ispejjez ghandhom jigi sopportati bin-nofs (1/2) bejn iz-zewg korporazzjonijiet intimati. F'dan ir-rigward, huwa utili illi jinghad illi, filwaqt illi mhux kontestat bejn il-kontendenti illi kien hemm qari zbaljat tal-*meter* ta' l-elettriku in kwistjoni, mill-atti processwali ma jirrizultax ta' min kienet ir-responsabbiltà illi jinqara tali *meter*, jekk hux ta' wahda jew ta' ohra miz-zewg korporazzjonijiet intimati, jew tat-tnejn;

Kwantu ghall-appell incidentali ta' l-intimata Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, la darba dan l-appell incidentali sejjer jigi michud, l-ispejjez relativi ghandha tbatihom il-korporazzjoni appena imsemmija;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell tas-socjetà rikorrenti billi tirrevoka s-sentenza appellata, billi tirrespingi s-sottomissjonijiet maghmula mill-korporazzjonijiet intimati fir-risposti rispettivi taghhom u billi tilqa' t-talba tas-socjetà rikorrenti kif dedotta fir-rikors promotorju tal-5 ta' Jannar 2001;

Tiddisponi mill-appell incidentali ta' l-intimata Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma billi tichdu bl-ispejjez relativi kontra taghha;

Tordna illi l-ispejjez ta' l-ewwel istanza u dawk relativi ghall-appell interpost mis-socjetà rikorrenti jigu sopportati bin-nofs (1/2) bejn iz-zewg korporazzjonijiet intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------